MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 1129/2005/1

**Citadel Insurance p. l. c. (C 21550), kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Marcel Bartoli, sija bil-ligi u sija bil-polza**

**vs**

**Paul u Doreen mizzewgin Berry, rispettivament bil-karta ta' identita` numru 611160M u 605861M**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Mejju, 2005, fejn intalab l-ammont ta' tlett mija u hamsin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm350.40) rapprezentanti danni sofferti minn Marcel Bartoli, assikurat mas-socjeta`

attrici, nhar l-10 ta’ Dicembru, 2003 wara li sehhet perkolazzjoni ta’ ilma mill-fond okkupat mill-konvenut u /jew proprjeta` tal-istess, liema fond jinsab sovrastanti l-fond proprjeta` tal-imsemmi Marcel Bartoli, u ghall-liema danni ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici.
Il-konvenuti, ghalkemm interpellati, baqghu inadempjenti.
Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuti, li gew ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-8 ta’ Gunju, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:

i. Ma kien hemm ebda negligenza da parti tal-konvenuti li ghalih jistghu jinzammu responsabbli.

ii. Ma kien hemm ebda evidenza pre-ezistenti tal-potenzjal tad-danni.

iii. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess il-kwantum tad-danni huwa esagerat.

iv. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

v. Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda ta’ Gordon Axiaq u Paul Berry. Ra l-affidavits ta’ Marcelle Bartoli u Paul Berry.  Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

1. Is-socjeta’ attrici qed titlob danni rizultanti minn perkolazzjoni ta’ ilma li allegatament grat mill-fond tal-konvenuti, sovrastanti l-fond tal-attur. Dana sehh fl-10 ta’ Dicembru, 2003.
2. L-attur spjega kif filghodu, fil-jum fuq imsemmi,  sab hafna ilma diehel fil-fond tieghu. Kien hemm il-hitan imxarrba u t-tapit tal-kamra tas-sodda irvinat. Ikkuntattja lill-konvenut, li gie u sab flexi pipe ta’ taht is-sink li kien infaqa.
3. Dwar id-anni xehed Gordon Axiaq ghas-socjeta` attrici, u gew esebiti d-dokumenti a fol.21 sa fol.25.
4. Li l-ilma kien hiereg mil flexi pipe imsemmi gie konfermat minn Paul Berry. L-istess konvenut jghid li ma jhossux responsabbli peress li sa dakinhar dan il-pipe qatt ma ta problemi.

5. Mix-xhieda huwa evidenti li dan il-pipe mar f’daqqa, u b’hekk gie kkawzat l-allagament. Ta ‘ dan definitivament ma ghandu ebda tort l-attur li jrid jerga jitqieghed fl-istat li kien qabel ma grawlu d-danni. Il-konvenuti kienu responsabbli ghall dan il-pipe, u sakemm ma jirrizultax mod iehor huwa ghandohm jirrizarcixxu id-danni li sofra l-attur.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u hamsin lira maltija u erbghin centezmu (Lm350.40) bl-imghax legali dekkoribbli mill-lum sal-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.”

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti b' dawn l-aggravji:-

(1) It-Tribunal applika l-ligi hazin bil-mod kif iddecieda dwar l-eccezzjoni taghhom tan-nuqqas ta' responsabilita`;

(2) It-Tribunal ma hax konsiderazzjoni xierqa tal-provi prodotti minnhom bil-konsegwenza li huma gew ippregudikati fid-drittijiet taghhom;

Mill-mod kif impustati z-zewg aggravji dawn jistghu facilment jigu kkonsidrati flimkien in kwantu s-sottomissjonijiet ta' l-appellanti dwarhom jikkoncernaw il-punt jekk huma kellhomx jinstabu fi htija ghall-fatt ta' l-inondazzjoni mill-ilma li waqa' mill-fond taghhom fl-appartament sottopost proprjeta` ta' Marcel Bartoli u ta' martu;

Ghal dawk li huma l-fatti principali tal-kawza ma jidherx li hu kkontestat illi l-hsarat fil-fond tal-konjugi Bartoli avveraw bil-perkolazzjoni ta' ilma mill-fond sovrappost proprjeta` tal-konvenuti wara li nqasam il-*flexi pipe* sitwat

taht is-sink tal-kcina tal-konvenuti. Meta ghandek dan il-fatt jezisti objettivament u konkretament in-ness ta' kawza u effett. Dak li allura jokkorri jigi determinat huwa jekk din il-konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti hijiex dovuta ghal xi kondotta kolpuza mputabbli lill-konvenuti jew hijiex konsegwenza ghall-accidentalita`, kif hekk qed jippretendu l-appellanti li hu l-kaz;

Jibda biex jigi registrat bi preliminari illi, in tema ta' responsabilita` civili, jezistu zewg elementi tar-rapport kawzali fuq accennat u, cjoe, (i) il-wiehed pozittiv fejn dak li jkun, bl-azzjoni jew bl-ommissjoni tieghu, jgib fis-sehh il-kondizzjoni ta' l-event; (ii) l-iehor negattiv, jigifieri li r-rizultat mhux dovut ghal konkors ta' fatturi eccezzjonali;

Dan premess, jemergi espressament mill-Artikolu 1032 (1) Kodici Civili illi "jitqies fi htija min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja". Fl-opra "**Le obbligazioni da fatto illecito**" (Edizione Utet, 2004) kurata minn **Massimo Franzoni** jinsab spjegat illi "*con il termine 'diligenza' si indica una forma di attenzione nei confronti dell' altrui sfera giuridica, che si traduce generalmente nell' obbligo di adottare una condotta positiva o di svolgere una certa attivita` secondo particolari modalita`; si indica, quindi, il comportamento di un soggetto attento ed oculato nel raggiungimento di un determinato fine*" (pagna 25). Jikkonsegwi illi min jonqos li jikkonduci ruhu skond il-kanoni objettivi ta' din id-diligenza jitqies in kolpa;

Dan premess, il-ligi tikkreja certi presunzjonijiet ta' responsabilita` fir-rigward ta' sidien ta' bini. Ara ad ezempju Artikolu 1041 Kodici Civili. F' dan il-kuntest din il-Qorti gja kellha okkazjoni tispjega f' kaz b' fattispeci identiku ghal dak odjern illi "wiehed necessarjament jifhem li bini jinkorpora fih mhux biss il-gebla izda l-impjanti u l-installazzjonijiet ta' go fih. Huwa ghalhekk presunt illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kagjonata minn dawn l-impjanti u installazzjonijiet taht il-kontroll tieghu. Li jfisser

allura li jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta' dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew d-detentur ghandu l-poter materjali. Il-mizuri tal-prekawzjoni u tas-salvagwardja ta' dawn il-hwejjeg ghandhom ikunu korrelatati ma' l-ordinarja diligenza" ("**Giovanni Vella *et* -vs- Michael Cilia**", Appell Inferjuri, 23 ta' Gunju 2004);

Mhux kontestat illi l-impjant ta' l-ilma installat fil-fond tal-konvenuti, u in partikolari l-*flexi pipe* kien taht il-kontroll ta' l-istess konvenuti. In vista tal-fuq espressa prezunzjoni, il-konvenuti htiegilhom jipprovaw illi huma ma kienux fi htija ghax il-kawza esklusiva fil-produzzjoni ta' l-event tal-hsara fil-fond tal-konjugi Bartoli kien dovut ghal dik l-accidentalita` li jippreciza l-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili jew tal-konkors ta' fatturi eccezzjonali; u gjaladarba, intervjeniet din l-accidentalita` jew cirkostanzi ta' portata eccezzjonali dan serva biex jigi interrott in-ness ta' kawzalita` u lilhom jiskagonahom minn kull responsabilita`. Ara **Vol. XXX P I p 971**;

Jinsab sottomess mill-appellanti fil-korp tar-rikors taghhom ta' l-appell illi mill-provi jirrizulta car illi huma bl-ebda mod ma setghu jipprevedu l-incident u ghalhekk daqstant iehor ma setghux jevitawh. Ghandu jigi notat illi biex tirnexxi d-difiza ta' l-accidentalita` jew tal-kaz fortuwitu mhux bizzejjed avveniment insolitu imma jehtieg li jkun inevitabbli b' mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja (**Kollez. Vol. XXXV P II p 637**). Irid jinghad ukoll illi biex taccetta l-proposizzjoni illi l-incident ma kienx prevedibbli l-appellanti kellhom jiddemostraw ghal konvinciment tal-Qorti illi huma hadu kura biex kull tant zmien imantnu kif imiss il-*flexi pipe* jew li jikkontrollaw, u b' hekk jassikuraw, li dan kien ghadu fi stat tajjeb u, fin-nuqqas, jirriparawh jew ibiddluh. Minn ebda prova in atti ma jirrizulta dan u allura, il-Qorti jkollha ragun tissuspetta u anke tipprezumi li din il-manutenzjoni u dan il-kontroll ma sarux. Meta hekk inhu apparentement il-kaz, dan jikkostitwixxi ommissjoni ta' diligenza u allura wiehed ma jistax jistahba aktar wara xi allegata accidentalita`. Sewwa nghad illi f' sitwazzjoni bhal din "*si ha non il caso*

*fortuito ma la colpa ed il quasi delitto*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 172**);

Jghodd ukoll ghal kaz dak ritenut minn **Cafaggi-Iamiceli** ("**La Colpa nella responsabilita` civile**", Candon, 1998, p. 215) Illi "*la diligenza attiene alla fase operativa della condotta, influendo sul versante della prevenzione piu` che su quello della previsione del rischio*";

Il-konsiderazzjonijiet suespressi jwasslu lil din il-Qorti biex ma takkoljix l-aggravji lilha sottomessi u ma twarrabx il-konkluzjoni tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din il-procedura kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------